Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea, Ir-Renju tad-Danimarka, TV2/Danmark A/S

Talbiet tal-appellanti

— tannulla s-sentenza mogħtija fil-Kawża T–125/12, Viasat Broadcasting UK Ltd vs Il-Kummissjoni Ewropea;

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/839/UE [1], tal-20 ta' April 2011, dwar il-miżuri meħuda mill-Istat Daniż favur TV2/Danmark (ĠU L 340, p. 1);

— tikkundanna lill-konvenuti fl-ewwel istanza għall-ispejjeż quddiem il-Qorti Ġenerali u quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, jew

sussidjarjament,

— tannulla s-sentenza appellata;

— tirrinvija l-kawża lill-Qorti Ġenerali, u

— tirriżerva l-ispejjeż quddiem il-Qorti Ġenerali u quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell, Viasat Broadcasting UK Ltd issostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha skont l-Artikolu 106(2) TFUE, il-Kummissjoni ma kinitx obbligata tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-għajnuna mogħtija lil TV2 kienet ingħatat mingħajr ma ġew osservati l-prinċipji fundamentali ta' trasparenza u ta' effettività dwar l-ispejjeż.

Iktar preċiżament, Viasat Broadcasting UK Ltd issostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi i) meta bbażat ruħha fuq is-sentenza M6 vs Il-Kummissjoni (T-568/08 u T-573/08, EU:T:2010:272) u fuq il-ġurisprudenza relatata sabiex tiċħad it-talbiet tagħha, ii) meta ddeċidiet li l-argumenti tagħha kienu jwasslu għal "impass loġiku", iii) meta ċaħdet l-importanza, minn naħa, tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Qafas Komunitarju ta' għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens ta' servizz pubbliku" tal-2005 (ĠU C 297, p. 4) u tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-qafas tal-Unjoni Ewropea applikabbli għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens għal servizzi pubbliċi tal-2011 (ĠU 2012, C 8, p. 15) u, min-naħa l-oħra, tal-komunikazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli tax-xandir tas-servizz pubbliku dwar għajnuna mill-Istat tal-2009 (ĠU C 257, p. 1) u iv) meta ddeċidiet li l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli tax-xandir tas-servizz pubbliku dwar għajnuna mill-Istat tal-2001 (ĠU C 320, p. 5) kienet tfixkel lill-Kummissjoni milli tapplika l-metodu li, fl-opinjoni tagħha, kien jirriżulta mill-Artikolu 106(2) TFUE.

[1] Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' April 2011 dwar il-miżuri implimentati mid-Danimarka (C 2/03) għal TV2/Danmark, (ĠU L 340, p. 1)

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Diċembru 2015 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Portugiża

(Kawża C-665/15)

(2016/C 059/10)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Guerra e Andrade u J. Hottiaux, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Portugiża

Talbiet

— tiddikjara li, billi ma abbonatx ruħha man-netwerk tal-liċenzji tas-sewqan tal-Unjoni Ewropea, ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 7(5)(d) tad-Direttiva 2006/126/KE [1].

— tikkundanna lir-Repubblika Portugiża għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Mid-Direttiva 2006/126 u mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-Istat Membru li joħroġ il-liċenzja tas-sewqan għandu l-obbligu li jivverifika jekk ġewx issodisfatti r-rekwiżiti minimi għall-ħruġ tal-liċenzja tas-sewqan.

Issa, jekk l-Istat Portugiż ma jkunx abbona ruħu man-netwerk ta' liċenzji tas-sewqan tal-Unjoni Ewropea (RESPER), huwa ma jkunx jista' jivverifika jekk ġewx issodisfatti r-rekwiżiti minimi għall-ħruġ tal-liċenzja tas-sewqan. B'mod partikolari, huwa ma jkunx jista' jivverifika jekk il-persuna li qed titlob il-liċenzja tas-sewqan diġà għandhiex liċenzja tas-sewqan oħra fi Stat Membru ieħor.

Min-naħa l-oħra, billi ma jkunx abbonat ma' RESPER, l-Istati Membri l-oħra ma jkunux jistgħu jivverifikaw, flimkien mal-Portugall, jekk ġewx issodisfatti r-rekwiżiti minimi għall-ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan.

Barra minn hekk l-Istati Membri l-oħra ma jkunu jistgħu jwettqu ebda verifika, flimkien mal-Portugall, fir-rigward ta' dawk il-każijiet fejn manifestament ma jkunux ġew issodisfatti r-rekwiżiti minimi għall-ħruġ tal-liċenzja tas-sewqan.

Għalhekk, billi ma abbonatx ruħha ma' RESPER, il-Portugall iqiegħed inkwistjoni l-għan essenzjali tad-dmir ta' abbonament u tad-Direttiva 2006/126, li hu li titjieb is-sigurtà tat-toroq, fejn b'hekk jiġi ffaċilitat il-moviment liberu tal-persuni.

L-Artikolu 7(5)(d) tad-Direttiva jistabbilixxi, b'mod ċar, li l-Istati Membri għandhom jużaw in-netwerk ta' liċenzji tas-sewqan tal-Unjoni Ewropea u dan b'mod partikolari sabiex iwettqu l-verifiki u b'mod partikolari sabiex jipprekludu li persuna jkollha iktar minn liċenzja tas-sewqan waħda.

L-Artikolu 16(2) tad-Direttiva jistabbilixxi li l-Istati Membri għandhom japplikaw l-Artikolu 7(5) tad-Direttiva mid-19 ta' Jannar 2013.

(1) Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Diċembru 2006, dwar il-Liċenzji tas-Sewqan (Tfassil mill-Ġdid) (ĠU L 403, p. 18)